QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
SUPERJURI

**MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Frar, 2000**

Citazzjoni Numru 54/99G1(MM)

Jenny-Marie Xerri

-vs-

Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi r-registrazzjoni fir-Registru Pubbliku ta' Malta ta' l-Att tat-Twelid taghha li jgib in-numru erbat elef seba' mija u wiehed u erbghin ta' l-elf disa' mija u sitta u disghin (4741/1996) - Dokument A – fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar il-missier u l-omm tat-tarbija fil-kolonna ntestata Isem u Kunjom, isem il-missier huwa registrat bhala **Charlie** u kunjomu **Scerri** u isem l-omm huwa registrat bhala **Carmen;**

Illi jirrizulta pero' li dawn l-partikolaritajiet fic-certifikat imsemmi ma jikkonformawx ma' l-istess partikolaritajiet kif jirrizultaw mic-certifikati tat-twelid ta' missier u omm l-attrici li jgibu n-numri u cioe' dak tal-missier sitt mija u wiehed u erbghin ta' l-elf disa' mija u erbgha u hamsin (641/1954) u dak ta' l-omm hamsa u erbghin ta' l-elf disa' mija u hamsa u hamsin (75/1955) - Dokumenti B u C rispettivament – u mic-certifikat taz-zwieg taghhom li jgib in-

numru hamsa u tmenin ta' l-elf disa'mija u tlieta u sebghin (85/1973) - Dokument D;

Illi jirrizulta evidentement minn ezami tad-Dokumenti B, C u D annessi mac-citazzjoni li isem il-missier huwa **Carmel** u mhux **Charlie** u kunjomu huwa **Xerri** u mhux **Scerri** u isem l-omm huwa **Carmela** u mhux **Carmen**;

Illi l-kunjom li tuza u li uzat konsistentament l-attrici huwa **Xerri** u mhux **Scerri** u hafna drabi ssib diffikultajiet meta l-kunjom moghti minnha ma jikkonformax mal-kunjom kif huwa ndikat b'mod zbaljat fuq ic-certifikat ta' registrazzjoni tat-twelid taghha;

Illi l-attrici trid u ghandha nteress li l-Att tat-Twleid taghha fuq imsemmi jigi kkorregut fis-sens li l-partikolaritajiet fuq indikati u cioe' isem u kunjom il-missier u isem l-omm fic-certifikat relattiv taghha jigu kkorreguti bil-mod kif fuq spjegat sabiex l-istess partikolaritajiet jigu konformi mal-partikolaritajiet relattivi kif jidhru u huma registrati fl-Attijiet tat-Twelid u taz-Zwieg ta' misser u omm l-attrici;

Tghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-partikolaritajiet tal-missier u omm l-attrici fic-certifikat ta' registrazzjoni tat-twelid taghha li jgib in-numru erbat elef seba' mija u wiehed u erbghin ta' l-elf disa' mija u sitta u disghin (4741/1996) fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar il-missier u l-omm tat-tarbija fil-kolonna ntestata Isem u Kunjom, isem il-missier huwa ndikat zbaljat u minflok **Charlie** ghandu jkun u jinqara **Carmel**, kunjom il-missier huwa wkoll zabljat u minflok **Scerri** ghandu jkun u jinqara **Xerri**, u isem l-omm huwa indikat zbaljat ukoll u minflok **Carmen** ghandu jkun u jinqara **Carmela**;

2. Tordna li l-Att tat’ Twelid relattiv ta’ l-attrici jigi kkorregut fis-sens kif spjegat fl-ewwel talba;

3. Tordna wkoll li l-bdil effetwat fl-Att ta’ Twelid jigi rifless f’kull att iehor ta’ l-istat civili relattiv ghall-attrici, jekk huwa l-kaz.

Bl-ispejjez.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghalija minn issa qed jigi mharrek.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess attrici debitament ikkonfermata minnha skond il-ligi;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa:

Illi stante li l-attrici twieldet fl-esteru, japplikaw l-Artikoli 239 u 244 tal-Kap 16, u ghalhekk in vista ukoll ta’ l-Artikolu 253.4 din il-kawza messha gietipprezentata fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili.

Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u sodisfacenti skond il-ligi.

Illi huwa m’ghandux ibati spejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet il-verbal tal-lum stess fejn il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu.

Rat ukoll ic-certifikati tat-twelid annessi mac-citazzjoni markati minn Dokument A sa dokument D.

Il-Qorti;

Ghalhekk wara li semghet lill-attrici;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawza;

Billi ghalhekk jirrizulta illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici u tordna l-korrezzjoni tal-partikolaritajiet tal-missier u omm l-attrici fic-certifikat ta' registrazzjoni tat-twelid taghha li jgib in-numru erbat elef seba' mija u wiehed u erbghin ta' l-elf disa' mija u sitta u disghin (4741/1996) fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar il-missier u l-omm tat-tarbija fil-kolonna ntestata Isem u Kunjom, isem il-missier huwa ndikat zbaljat u minflok **Charlie** ghandu jkun u jinqara **Carmel**, kunjom il-missier huwa wkoll zbaljat u minflok **Scerri** ghandu jkun u jinqara **Xerri**, u isem l-omm huwa indikat zbaljat ukoll u minflok **Carmen** ghandu jkun u jinqara **Carmela.**

Tordna wkoll li l-bdil effettwat fl-Att tat-Twelid jigi rifless f'kull att iehor ta' l-istat civili relattiv ghall-attrici, jekk huwa l-kaz.

In vista tan-natura ta' din il-kawza, m'ghandux ikun hemm spejjez.